MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 635/2013

**Joseph Muscat**

**Vs**

**Joyce Darmanin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Joseph Muscat (K.I. Nru 511860M) tat-28 ta’ Gunju 2013 li jaqra hekk:

*"Illi permezz tal-kawza deciza minn dina 1-Onorabbli Qorti nhar il-wiehed u ghoxrin [21] ta' Marzu 2002 fl-ismijiet **"Joseph Muscat vs Joyce Darmanin**" [Citazz. Nru. 246/97/RCP], 1-esponenti gie kanonizzat kreditur tal-konvenuta [kopja tad-decizjoni hawn annessa bhala "**DOK A**"];*

*Illi din id-decizjoni ghaddiet in gudikat kif jirrizulta mic-certifkat hawn anness bhala*

*"**DOK B**";*

*Illi 1-esponenti bil-gurament tieghu jikkonferma li 1-konvenuta ma ghamlet ebda hlas tal-ammonti kif dovuti ai termini tad-decizjoni fuq referita u b'hekk ghadha debitrici tieghu. L-esponenti jikkonferma wkoll illi s-somma li ghadha dovuta tirreferi ghal prezz ta' xoghol minnu rez lill-konvenuta fuq ordni taghha stess;*

*Illi peress li ghadda perijodu ta' aktar minn ghaxar [10] snin mid-data ta' meta d-decizjoni fuq referita saret enforzabbli, 1-esponenti qieghed jitlob l-awtorizzazzjoni skont 1-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jezegwixxi dan it-titolu ezekuttiv fil-konfront tal-konvenuta Joyce Darmanin [KI Nru 337658M];*

***GHALDAQSTANT**, 1-esponenti umilment jitiob sabiex, prevja kull dikjarazzjoni u provediment opportun, dina 1-Onorabbli Qorti tawtorizzah jghaddi ghali-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn ghaxar [10] snin mid-data tad-decizjoni fuq referita u d-dejn ghadu mhuwiex saldat u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li*

*l-esponenti ghandu : "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."*

Rat illi l-kontenut tar-rikors kien konfermat bil-gurament mill-avukat difensur tar-rikorrenti fl-24 t'Ottubru 2013 (fol 30);

Rat li ghalkemm l-intimata kien debitament notifikata skond il-ligi bir-rikors u bl-avviz tas-smigh tal-kawza hija ma pprezentatx risposta;

Rat il-kopja legali tas-sentenza moghtija fil-21 ta' Marzu 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet 'Joseph Muscat vs Joyce Darmanin' (cit. Nru. 246/97 RCP) li tinsab esebita a fol 4 sa 21;

Rat illi minn dik is-sentenza ma gie interpolat ebda appell (vide Dok. B, a fol 23);

Rat id-digriet ta din il-Qorti moghti fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2013 li biex akkordat fakolta' li l-intimata tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u li l-intimata baqghet inadempjenti;

Rat id-digriet ta din il-Qorti moghti fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2013 fejn halliet il-kawza in difett ta` ostakolu ghal-lum;

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tigi deciza llum;

**Ikkonsidrat :**

Din l-istanza tinkwadra ruhha fil-kuntest ta` l-Art.258 u 259 tal-Kap.12 .

Jirrizulta li s-sentenza moghtija fil-21 ta' Marzu 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl- ismijiet 'Joseph Muscat vs Joyce Darmanin' (cit. Nru. 246/97 RCP) ghaddiet in gudikat u ghalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv skond l-Art.253(a) tal- Kap.12 .

Jirrizulta li din is-sentenza baqghet ma gietx ezegwita u ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta setghet tigi ezegwita. Ghalhekk il-kaz jaqa` fl-ambitu tal- Art.258(a) tal-Kap.12 .

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li r-rikorrenti ottempera ruhu ukoll ma` dak li jipprovdi l-bqija tal-Art.258 tal-Kap.12 .

Wara li qieset l-atti ta` din il-procedura, din il-Qorti tghid li hija sodisfatta li s-sentenza ghad tista` tigi esegwita u ghalhekk it-titolu ezekuttiv ghadu jiswa`.

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tilqa` t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------